**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Francine Cini**

Numru: 393/2017

Illum 23 ta' Ottubru 2018

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputata **Francine Cini,** bint Joseph u Gracie xebba Buttigieg, imwielda nhar it-12 ta' Novembru 1985 fir-Rabat, Ghawdex, residenti gewwa l-fond 'Port Mansions', Blk A, Flat 2, Triq is-Sajjied, Zebbug, Ghawdex u detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 886(G), akkuzata talli nhat it-08 ta' Mejju 2017 ghall-habta ta' 20:00hrs gewwa l-Ghassa tal-Pulizija, Triq ir-Repubblika, Rabat, Ghawdex:

1. Bil-qerq holqot jew gaghlet jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna jew persuni ohra bil-hsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat;

2. Iddenunzjat lill-Pulizija Ezekuttiva reat li taf li ma sarx, inkella bil-qerq holqot it-tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha;

Semghet il-provi;

Rat illi waqt is-seduta tad-9 ta' Ottubru 2018 il-Qorti tat zmien gimgha lill-partijiet biex jekk jixtiequ jkunu jistghu jaghmlu Nota;

Illi b'digriet mogħti fis-seduta tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Settembru 2017 il-Qorti ħatret lill-Dottor Jean Paul Grech bħala espert legali sabiex jisma' x-xhieda kollha f'dan il-kaz, jiġbor id-dokumenti kollha u jirrelata lill-Qorti dwar l-akkuzi;

Rat ir-rapport tal-Perit Legali l-Avukat Dottor Jean Paul Grech;

Illi l-imsemmi rapport gie prezentat fir-Registru tal-Qorti t'Ghawdex nhar it-Tlieta 9 ta' Ottubru 2018 u kopja tieghu nghatat lill-partijiet

b'gimgha zmien ghal nota ta' sottomissjonijiet jekk ihossu l-bzonn li ghandhom jaghmlu dan u l-kawza thalliet ghas-seduta tal-llum ghas-sentenza.

## KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI GENERALI

### Preliminari[1]

Din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Quddiemha persuna jew persuni jigu mixlija li wettqu reati kriminali. Il-Qorti hija adita bl-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha u li jkunu maghmula mill-Prosekuzzjoni. Hemm limitu kemm il-Qorti tista' tkun flessibbli fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha.

Għalkemm verament li l-komparixxi li fuqha hemm l-imputazzjonijiet hija ritenuta bħala *un avviso a comparire,* l-imputazzjonijiet huma dejjem ta' indoli penali. Ir-regoli tal-procedura ma jistgħux jigu interpretati b'mod wiesa' tali li l-parametri tal-azzjoni penali jigu spustati jew mibdula. Altrimenti d-difiza ma tkunx tista' tiddefendi ruħha kif jixraq.

Quddiem din il-Qorti jekk persuna tinstab ħatja teħel piena. Jekk ma tinstabx ħatja tigi meħlusa mill-imputazzjonijiet dedotti. Il-

[1] Il-Qorti qeghda tibbaza dan fuq l-ispjega li ta l-kollega l-Magistrat Aaron Bugeja fil-kawza il-**Pulizija vs Joseph Calleja et**. deciza fil-5 ta' Frar 2016

valutazzjoni dwar jekk persuna tkunx ħatja jew le tiddependi dejjem fuq il-provi li jingiebu quddiemha (u quddiem ebda post jew *medium* ieħor) u l-istess valutazzjoni hija marbuta mal-imputazzjonijiet kriminali li jkunu gew miktuba u prezentati quddiemha mill-Pulizija Ezekuttiva jew skont kif ikunu gew mizjuda jew mibdula fl-istadju opportun – u dejjem mhux aktar tard minn meta l-Prosekuzzjoni tkun iddikjarat il-provi tagħha magħluqa. Altrimenti jekk ma jkunx hekk l-akkuzatur ikun jista' jbiddel il-parametri tal-azzjoni penali skont meta jidhirlu u skont l-andament ta' dak li jkun qed iseħħ jew li jkun irrizulta matul il-kors tal-process penali.

Għalkemm hemm element ta' flessibilita' provdut minn certu gurisprudenza fir-rigward tal-procedimenti quddiem dawn il-Qrati ta' gurisdizzjoni limitata, din il-flessibilita' trid tkun tali li ma tkunx ta' pregudizzju għall-proceduri penali u għad-drittijiet tad-difiza.

F'kull kaz pero', stante li din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali hija marbuta bit-termini tal-imputazzjoni skont kif spjegat aktar 'il fuq. Aktar minn hekk quddiemha huwa dmir tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-kaz tagħha skont kif proferit fl-imputazzjoni kontestata sal-grad ta' konvinciment morali u sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Mill-banda l-oħra jekk id-difiza tagħzel li tressaq xi provi jew sottomissjonijiet kif sar f'dan il-kaz, huwa bizzejjed għad-difiza li tikkonvinci lill-Qorti bit-tezi tagħha fuq bazi ta' konvinciment morali li jistrieħ fuq bilanc ta' probabbilta' u f'kaz li dan iseħħ, u l-Qorti ma tħossiex moralment

konvinta li l-Prosekuzzjoni laħqet il-grad ta' prova rikjesta minnha, allura l-Qorti trid tillibera lill-imputata.

Dawn huwa principji kardinali li jsawru l-procediment penali Malti. Jogħġbuna jew ma jogħġbuniex, dawn huma wħud mir-regoli bazilari li jistrieħ fuqhom il-procediment penali Malti.

Biss din il-Qorti ma tistax tieqaf hawnhekk. Hija marbuta li tiggudika dan il-kaz skont l-akkuza li giet magħmula mill-Prosekuzzjoni kontra l-imputata u ma tistax tbiddel hi bis-setgħa tagħha stess il-parametri tal-kawza intrapriza mill-Prosekuzzjoni u tiddeciedi kif jiftlilha jew tmur lil hinn mill-imputazzjoni prezentata lilha mill-Prosekuzzjoni.

**Oneru tal-Prosekuzzjoni**

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputata huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-

> *"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa minnu, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali kunflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputata. Pero' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-

Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Graham Charles Ducker**:

> *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".*

Il-Prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, waqt li d-difiza trid tipprova d-difiza taghha fuq bazi ta' probabbilta'.

Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzata tigi misjuba hatja l-akkuzi migjuba fil-konfront taghha dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.

F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru, 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija v Peter Ebejer**, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens

tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz **Miller v Minister of Pension** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni '*proof beyond a reasonable doubt.*'

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe' jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provvediment iehor.

**Apprezzament tal-provi fl-assjem:**

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

<u>**SINTEŻI TAL-PROVI MIĠBURA**</u>

Fl-ewwel seduta ttiehdet id-deposizzjoni bil-lingwa Ingliża ta' <u>**Angelica Borst**</u>. Ix-xhud bdiet tispjega li dakinhar li sar ir-rapport minn Francine Cini, hi kienet xogħol f'Dominic Department Center sas-sebgħa ta' filgħaxija. Wara kienet marret ix-Xagħra biex tara 'l Domenic u lil uliedu. Dawn sabithom jieklu. Ulied Domenic kellhom it-tablet fejnhom ghaliex ma kinux jieklu minghajr it-tablet. X'ħin sar il-ħin ħaduhom lura bil-karozza l-Għassa tal-Pulizija r-Rabat biex it-tfal jergghu jirritornaw lura ma' ommhom. It-tfal riedu t-tablets tagħhom iżda fil-karozza kien hemm biss it-tablet ta' OMISSIS. Issoktat tispjega li t-tablet ta' OMISSIS kienet id-dar. Ix-

xhud stenniet ġol-karrozza sakemm Domenic daħal id-dar u ġab it-tablet ta' OMISSIS. Imbagħad telqu bil-karozza lejn ir-Rabat.

Ix-xhud kompliet tgħid li OMISSIS kienet għajjiena u bdiet tixher għax riedet it-tablet. Dak il-ħin kienu għadhom ix-Xagħra. Wasslu t-tfal l-Għassa u reġgħu marru lura x-Xaghra. Spjegat li lura x-Xagħra huma bdew ilestu xi affarijiet biex imorru Sqallija bil-karozza. Ġara li ċemplulhom mill-Għassa tal-Pulizija u għalhekk kellhom jerġgħu jirritornaw ir-Rabat. Ix-xhud ikkonkludiet b'dikjarazzjoni li mhux vera sawtet lit-tifla bit-tablet. Anzi hija tħobbhom daqs li kieku kienu uliedha.

Fl-istess seduta xehed ukoll **<u>Domenic Zammit</u>**, is-sieħeb ta' Angelica. Beda biex qal li kienu saru tliet rapporti fuq il-fatt li Angelica tat xebgħa lit-tfal. Ma kienx ċert meta sar dan il-każ però għalih żgur li kien hemm tlieta. Seta' kien li kaz minnhom gara f'Settembru.

Ix-xhud spjega kif darba kien hemm uliedu fit-trakk. Huwa kien sejjer iwassalhom l-Għassa tar-Rabat biex it-tfal jergghu immorru lura m'ommhom. It-tfal bdew jillatikaw fuq it-tablet ta' OMISSIS peress li kellhom wieħed biss bejniethom. Għalhekk kellu jerġa' jidħol id-dar ta' ommu u minn fuq is-sufan ġabar it-tablet l-ieħor.

X'ħin mar lura fil-vettura sab lil OMISSIS tidħaq fuq is-seat ta' wara maġenb OMISSIS. Staqsa lil Angelica x'kien ġara u din qaltlu li kienet talbithom biex jieqfu. Bintu OMISSIS kompliet tgħid li

OMISSIS kienet tat daqqa lil Angelica. Saqsa lil Angelica u qaltlu "*It's nothing*" u telqu lejn l-Għassa. Nofs siegħa wara li kien spiċċa l-aċċess ċempillu s-Surġent Shaun Tabone. Dan qallu li kellu rapport li s-sieħba tiegħu kienet sawtet lil uliedu.

Ix-xhud kompla jghid li huwa mar lura l-Għassa ma' Angelica fejn is-Surġent Shaun spjegalu x'kien ġara. Ix-xhud qallu li fl-ebda ħin Angelica ma kienet sawtet lil OMISSIS. Is-Surġent żied jgħidlu li anke OMISSIS qalet li seħbitu kienet tatha daqqa. Is-Surġent sejjaħ lil OMISSIS u dawn daħlu f'kamra tal-Għassa flimkien ma' Pulizija Angelica tat daqqa lil OMISSIS u din wieġbet li ma kienx veru. Spjega kif is-Surġent tenna l-mistoqsija u qalilha li hi kienet għadha kif qaltlu li Angelica tat daqqa lil OMISSIS. Ix-xhud qal li OMISSIS weġbitu li ommha kienet qaltilha biex tgħid hekk waqt li s-Surġent mar iġib xi karti. Is-Surġent sostna li ma kienx veru għax il-ħin kollu kien hemm.

Ix-xhud issokta jgħid li għajtu lil Francine u quddiemha OMISSIS qalet li mhux veru li Angelica kienet sawtet lil OMISSIS. Imbagħad is-Surġent għajjat lil Angelica biex tagħti l-istqarrija tagħha. Waqt l-aċċess kien hemm prezenti kemm Angelica u anke l-ġenituri tax-xhud Domenic Zammit. Spjega li l-aċċess nhar ta' Tnejn ikun mill-ħamsa neqsin kwart sat-tmienja ta' filgħaxija. Ma ftakarx meta kien sehh dan l-incident; ftakar biss li kien sehh qabel ix-xahar ta' Settembru. Ix-xhud ma nnotax ġriehi la fuq Angelica u lanqas fuq it-tfal.

Kontro-eżaminat minn Dr. Marsette Portelli Xerri u mistoqsi jekk dakinhar tal-akkadut Angelica kinitx hemm mill-bidu tal-aċċess, ix-xhud xehed li ma kinitx hemm mill-bidu tal-aċċess peress li kienet xogħol sas-sebgħa ta' filgħaxija. Spjega li kienu telqu bit-tfal mix-Xagħra biex imorru l-Għassa. Mistoqsi diversi mistoqsijiet ix-xhud wieġeb li dakinhar x'ħin huwa raġa' daħal lura fit-trakk OMISSIS kienet qed tidħak waqt li OMISSIS kienet tidher bin-ngħas. Kien daħal bit-tfal sal-bieb tal-Għassa fejn kienet ġabrithom Francine. Iżda dak il-ħin hu ma kienx ra lis-Surġent Shuan Tabone.

Misqtosi fejn kienet OMISSIS x'ħin is-Surgent daħħalhom fil-kamra x-xhud wieġeb li ma jafx. Kien ċert li OMISSIS kienet hemm peress li s-Surġent lilha kellem. Ma kienx fiż-żgur jekk OMISSIS kinitx fil-kamra jew ma' ommha Francine.

Mistoqsi jekk is-Surġent kienx staqsa quddiemu lil OMISSIS jekk kinitx laqtet xegħba jew le, ix-xhud qal iva li kien staqsieha u OMISSIS qaltlu li kienet tatha daqqa. Għalkemm OMISSIS ma kinitx semmiet ismijiet jidher li kinet qed tirreferi għal Angelica. Is-Surġent staqsa din il-mistoqsija qabel ma kienu daħlu fil-kamra. Mistoqsi jekk OMISSIS daħlitx ma' Francine meta sejħilha fil-kamra, ix-xhud wieġeb li ma jiftakarx jekk OMISSIS kinitx barra mill-kamra jew inkella ġewwa.

Il-prosekuzzjoni esebiet affidavit ta' **<u>PS 698 Shaun Tabone</u>**. Dan qal li fit-8 ta' Mejju 2017 ghall-habta tat-tmienja ta' filghaxija wara li kien ghadu kemm beda xoghol fl-Ghassa tar-Rabat, Ghawdex kienet

giet Francine Cini wara li gabret it-tfal u allegat li l-t-tfalja tal-eks sieheb taghha Domenic Zammit u cioe` Angelica Borst kienet sawtet lit-tfal taghha. Cini qalet lis-Surgent: *"Jien ma jistax jkun nibqa' sejra hekk. It-tfalja tal-eks-partner tieghi qeghda ssawwat it-tfal tieghi. It-tifla ghadha kemm qaltli li giet imsawwta mill-gharusa ta' Domenic."* Is-Surgent kompla jispjega fl-affidavit tieghu li dak kollu allegat minn Francine Cini kien qieghed jirreferi ghal bintha z-zghira OMISSIS ta' 4 snin. Ezatt dak il-hin, Francine Cini bdiet iggieghel u theggeg lil bintha l-kbira OMISSIS ta' 7 snin tirrakkonta dak kollu li sehh quddiem ghajnejha. OMISSIS qalet lis-Surgent: *"Konna qeghdin ix-Xaghra got-trakk u OMISSIS riedet it-tablet u bdiet tibki. Imbaghad Angelica bdiet tghajjat maghha u tatha daqqa."*

Peress li s-Surgent kellu din l-allegazzjoni, huwa cempel lil Domenic Zammit u tah ordni biex jirritorna lura l-Ghassa flimkien mat-tfajla tieghu. Malli wasal l-Ghassa, Domenic kien qal li ma kien jaf b'xejn. Fl-Ufficcju tas-Surgenti u fil-presenza ta' WPC 194 Anna Maria Mejlak, Domenic Zammit staqsa lit-tifla l-kbira tieghu OMISSIS x'kien gara u fil-pront OMISSIS irrispondiet *"Mhux veru li Angelica tatha xebgha. Il-Mummy qaltli biex nghid hekk."* Is-Surgent kompla jghid li malli Domenic rega' staqsa lil OMISSIS fil-presenza tieghu u ta' WPC 194 sabiex tghid il-verita` dwar x'kien gara ghal darba darbtejn it-tifla regghet irrispondiet: *"Le mhux vera tatha xebgha anzi OMISSIS refghet idejha fuq Angelica. Il-Mummy qaltli biex nghid hekk."*

Is-Surgent kompla jixhed li hekk kif hareg mill-ufficcju Francine Cini staqsiet lit-tifla x'kien gara u pront it-tifla irrispondietha: *"Int*

*ghedtli biex nghid hekk x'hin il-Pulizija resaq 'l hemm."* Is-Surgent spjega wkoll li qabel sar ir-rapport minn Francine Cini, huwa kien hareg barra fil-bitha biex imur fit-toilet.

Is-Surgent spjega wkoll li huwa ma kien innota l-ebda sinjali ta' vjolenza fuq il-minuri OMISSIS u ta struzzjonijiet ukoll lil Francine Cini sabiex tiehu l-bintha l-isptar biex tigi ezaminata minn tabib. Is-Surgent kellem lil Borst u wara li taha d-drittijiet taghha hija rrispondiet li hi ma messitx lil OMISSIS. Anzi kienet OMISSIS li kienet tat daqqa lilha u lil ohtha.

Francine Cini ipprezentat certifikat mediku mahrug minn Dr. Frank Casha minn fejn irrizulta li ma kien hemm l-ebda sinjali ta' vjolenza fuq it-tifla. L-Ispettur Edel Mary Camilleri giet infurmata bil-kaz u din kellha tghaddi rapport lis-Social Workers temm jghid is-Surgent fl-affidavit tieghu.

Il-Prosekuzzjoni esebiet wkoll affidavit ta' **WPC 194 Anna Maria Mejlak**. Fl-affidavit taghha WPC 194 Anna Maria Mejlak bdiet biex qalet li dakinhar tat-tmienja (8) ta' Mejju 2017 ghall-habta tat-tmienja ta' filghaxija waqt li kienet xoghol bhala *telephone orderly* gewwa l-Ghassa tar-Rabat, Ghawdex Francine Cini kienet dahlet l-Ghassa flimkien maz-zewgt itfal taghha OMISSIS u OMISSIS. Cini bdiet tallega li l-gharusa tal-eks sieheb taghha kienet sawtet lil bintha z-zghira. Hi mbaghad bdiet tistaqsi lil bintha OMISSIS ta' seba' snin sabiex tispjegalu kif kien sehh l-incident. Immedjatament wara li ha

r-rapport, is-Surgent cempel lil Domenic Zammit u dan gie ordnat jigi l-ghassa flimkien mas-siehba tieghu.

Ix-xhud kompliet tghid li s-Surgent Tabone ordnalha biex tkun mieghu fil-kamra tas-Surgenti biex tkun prezenti ghal dak li jintqal. Fil-kamra dahlet it-tifla l-kbira OMISSIS u meta missierha saqsieha x' gara din qalet li ma kienx veru li Angelica sawtet lil OMISSIS izda li kienet ommha li qaltilha biex tghid hekk. OMISSIS kompliet tghid li ommha kienet qaltilha biex tghid hekk x'hin is-Surgent kien hareg fil-bitha. X'hin missierha affacjaha u qalilha ghalfejn ma kinitx qalet il-verita', it-tifla qaltlu li *"OMISSIS tatha daqqa lil Angelica imma l-mummy qaltli biex nghid hekk."*

Wara li hargu mill-kamra, is-Surgent dar fuq Francine u qalilha *"Ara x'inhi tghid it-tifla"* u t-tifla daret lejn ommha u qaltilha *"Inti ghedtli biex nghid hekk."* Is-Surgent imbaghad kellem lit-tfajla ta' Domenic Zammit u cioe` lil Angelica Borst. Din cahdet li kienet sawtet lit-tifla; anzi kienet it-tifla li refghet idejha fuqha.

Ix-xhud temmet l-affidavit taghha billi qalet li s-Surgent baghat lil Francine Cini biex hija tmur bit-tifla ghand it-tabib halli bintha tigi ezaminata. Wara Cini gabet certifikat minn fejn irrizulta li t-tifla ma kellha l-ebda griehi f'gisimha.

Fis-seduta tat-tnax (12) ta' Jannar 2018, **Angelica Borst** ikkonfermat li l-allegat incident kien sehh fit-tmienja (8) ta' Mejju 2017. In kontro-ezami Borst qalet li meta kienet marret lura fl-Għassa tar-

Rabat, Għawdex wara li kienu wasslu lit-tfal, il-Pulizija kienu staqsewha jekk l-allegazzjonijiet dwar is-swat lit-tfal ta' Domenic kinux vera jew le. Kien staqsieha Pulizija li kien fuq l-iskrivanija ewlienija tal-Għassa tar-Rabat. Iżda hi ma ftakritx min kien. Spjegat kif qabel kienu staqsew ukoll lil Domenic u lit-tfal. Waqt dak il-ħin hi kienet ġot-trakk. In ri-eżami x-xhud spjegat li xħin lestiet mill-mistoqsijiet hi marret fit-trakk u fl-aħħar ilkoll telqu flimkien.

Fis-seduta tat-tnax (12) ta' Jannar 2018 xehdet ukoll l-imputata **Francine Cini**. Hi spjegat kif kien it-Tnejn, tmienja (8) ta' Mejju 2017 u Domenic kellu l-aċċess mill-4.45pm sat-8.00pm. Hi kienet ħaditlu t-tfal bħas-soltu u reġgħet marret lura l-Għassa fit-7.45pm biex tigborhom. Waqt li kienet fuq il-mowbajl fil-parkeġġ tal-Pulizija, is-Surġent Shaun tektkilha mat-tieqa u qalilha li ried ikellemha. Spjegat li fil-bitħa tal-Għassa Shaun beda jkellimha fuq rapport ieħor. Sadanittant ġie Domenic u x'ħin ra lil Francine daħħal it-tfal u telaq. Wara li OMISSIS, bintha, qaltilha li Angelica tatha daqqa ta' ħarta fuq wiċċha, ix-xhud marret u qalet b'dan lis-Surġent Shaun Tabone. Staqsiet lil bintha l-kbira OMISSIS u din qaltilha li Angelica kienet ċapċpitilha minħabba t-*tablet*. Ix-xhud emmnet lil uliedha peress li ġieli kien ġara hekk qabel. Saħansitra kienu saru rapporti oħrajn dwar dan. Ix-xhud issokktat tispjega li l-Pulizija ċemplu lil Domenic biex jiġi l-Għassa.

Cini kompliet tistqarr li s-Surgent Tabone staqsa lil OMISSIS u OMISSIS x'kien gara ezatt. Din tal-aħħar kienet qaltlu li Angelica marret biex tieħu t-*tablet* mingħand OMISSIS. OMISSIS bdiet tibki u

Angelica capcpithielha. Is-Surgent staqsiehom fejn kienu u huma wegbuh li kienu fit-trakk. Staqsiehom ukoll fejn kien missierhom u t-tfal wegbuh li kien dahal ghand nannithom biex jahsel idejh.

Ix-xhud kompliet tispjega li s-Surġent u l-Pulizija daħħlu t-tfal ġo kamra oħra u lilha ħallewha barra. Hi qalet li sar żball li l-Pulizija kellmu t-tfal mingħajr il-preżenza tas-social workers. Hekk kienet qaltilha darba l-Ispettur Edel Marie Camilleri. Ġie Domenic u mbagħad is-Surġent bagħatha ġġib ċertifikat mill-Isptar u hi marret bit-tfal magħha. Lura l-Għassa s-Surġent qalilha li OMISSIS kienet qalet li kienet ommha, ix-xhud stess, li qaltilha biex tgħid li Angelica kienet refgħet idejha fuqha. Ix-xhud insistiet li ma kinitx waħidha ma' uliedha għax il-ħin kollu kienet fl-Għassa tal-Pulizija. Issoktat tgħid li kemm-il darba Angelica kienet għajbithom, sabtitilhom il-bieb u kienet qalet kontrieha. Hi riedet tiehu azzjoni.

L-għada kellha l-Qorti ma' Domenic. Ix-xhud spjegat kif baqgħet impressjonata kif l-Ispettur Edel Camilleri ma kinitx taf bil-każ. L-Ispettura għamlitilha appuntament ma' Peter Paul il-Ħamis ta' dik il-ġimgħa.

Ix-xhud qalet li kienet marret mal-Avukata tagħha għand l-Ispettura. Din kienet bagħtet e-mail lil Peter Paul biex is-social workers imorru l-iskola mingħajr ordni tal-Qorti. Iżda Peter Paul infurmaha li l-iskola ma setgħux imorru mingħajr din l-Ordni. Spjegat li meta telgħu l-Qorti fuq dan ir-rapport fis-26 ta' Settembru 2017, Angelica nstabet ħatja mill-Maġistrat. Ix-xhud issoktat

issemmi xi okkażżjonijiet oħra fejn Angelica ġabet ruħha ħażin ma' uliedha. Dan skont kif kienu jghidulha t-tfal. Spjegat ukoll li OMISSIS qaltilha bix-xebgħa li laqtet xħin kienu kważi fejn il-*counter* tal-Għassa.

Kontro-eżaminata minn Dr. Andrew Sciortino, ix-xhud qalet li kienet taf li din il-kawża hija fuq il-fatt li hija qed tigi akkuzata li għamlet rapport falz. Tenniet li kienet OMISSIS stess li qaltilha li Angelica kienet tatha daqqa u mbaghad OMISSIS kkonfermatilha. Mistoqsija jekk kinitx ivverifikat jekk it-tfal kinux qeghdin jgħidu l-verità, hi wieġbet li kienet temminhom peress li dejjem magħhom u kienet staqsiethom. Tkompli tgħid li huwa xogħol il-Pulizija biex jivverifikaw. Hi ma hassitx li kellha tivverifika ghaliex hija lit-tfal temminhom u ma kellha l-ebda mod li tista' tivverifika. Dan ghaliex skont x-xhud, il-Pulizija ma kinux gabu social worker u l-Pulizija kienu qalulha biss biex tiehu t-tifla l-Isptar biex jaraha tabib.

Kompliet tispjega li t-tfal ġieli gidbu fuq affarijiet żgħar imma mhux fuq affarijiet oħra. Huma qalulha biss li Angelica ċapċpitha lil OMISSIS go wiccha. Qalet li t-tfal ma jridux imorru għand missierhom minħabba f'hekk u xebgħet iċċempel lil tal-Appoġġ. Qatt ma qalulha li kienet OMISSIS li ċapċpitha lil Angelica u huma kienu qalulha li l-inċident seħħ x'ħin Domenic daħal jaħsel idejh għand ommu. Saritilha referenza għall-affidavit tas-Surġent Shaun Tabone fejn ingħad li qabel ma sar ir-rapport is-Surġent ħareġ mill-Għassa biex imur jagħmel toilet u li dan jikkontradixxi dak li kienet qalet ix-xhud aktar qabel meta qalet li fl-ebda ħin ma kienet

wehidha. Ix-xhud wieġbet li mhux veru peress li kien hemm il-Pulizija Anna Maria. Tiċħad li qalet lit-tfal biex jgħidu li kienet sawtithom Angelica.

Ix-xhud ġiet ri-eżaminata minn Dr. Marsette Portelli Xerri. Hi qalet li l-akkużi fil-konfront ta' Angelica li refgħet idejha fuq it-tfal inħarġu diġà. Il-każ instema' fis-26 ta' Settembru 2017 u għaldaqstant saret obbligazzjoni.

Mistoqsija mill-Ispettur Bernard Charles Spiteri jekk ix-xhud kinitx marret fejn il-bieb tal-ħġieġ tal-Għassa biex tiġborhom u li dak il-ħin kienet waħedha, ix-xhud wieġbet li t-tfal ġabrithom minn fejn il-counter fejn ħalliehom Domenic. Kien hemm Anna Marie, li qaltilha bye, u waqt li kienet ħierġa 'l barra OMISSIS qaltilha bl-istorja. Skont ix-xhud il-Pulizija semgħetha għax xħin qaltilha huma kienu għadhom fejn il-counter.

Mistoqsija jekk it-tifla qaltilhiex x'ħin Angelica kienet tatha d-daqqa, ix-xhud wieġbet iva. Kienet tathielha x'ħin kienu fit-trakk ġejjin mix-Xagħra lejn l-Għassa. Qaltilha li tathielha ġo wiċċha. Innotat li naħa minn wiċċha kien aħmar u kienet qed tibki għalhekk staqsietha kif kienet.

**<u>Is-Surġent PS 698 Shaun Tabone</u>** xehed wkoll in kontro-ezami. Mistoqsi għalfejn ċempel lil Domenic, ix-xhud jgħid li dan kien l-uniku mod li seta' jagħmel kuntatt ma' Angelica. Kompla jgħid li Domenic seta' kien xhud wkoll ta' dak li ġara. Spjega li Domenic

ċaħad kategorikament li seħbitu ċapċptilhom  lit-tfal waqt li hu kien preżenti. Ix-xhud spjega li huwa kien informah b'din l-allegazzjoni bħala missier tat-tifla. Kompla jgħid li kien talab lill-Pulizija mara li kienet mat-telefon biex tidħol fil-kamra tas-Surġenti.

Mistoqsi għalfejn il-verifika għamilha quddiem il-preżenza tal-missier, jgħid li bħala uffiċċjal pubbliku huwa ħass li kellu jagħmel hekk. Ma ħassx li kellu jistaqsi fil-preżenza tal-omm minħabba li ma tħallihx jitkellem. Daħallu suspett li l-omm kienet qiegħda tigdeb peress li ma kinitx l-ewwel darba li allegat dan. Kompla jgħid li ċ-ċertifikat tat-tabib ma kienx jgħid li t-tifla kienet sofriet xi ġrieħi. Hu ma rax ġrieħi fuq it-tifla. Iċ-ċertifikat mediku kien ġie rilaxxat wara li ġew mitkellma t-tfal. Kompla jgħid  li Francine Cini ġieli daħlet l-Għassa tallega li t-tfal ġew imsawta u terġa' titlaq 'il barra mingħajr ma tagħmel rapport. Ma jiftakarx il-kompartament tat-tfal. Id-diskors li Angelica ma kinitx sawtithom, it-tifla indirizzatu lil missierha. Fil-kamra kien hemm Anna Maria, Domenic, it-tfal u hu. Ma jiftakarx jekk kinux iż-żewġt itfal flimkien.

Għar-rieżami tal-Ispettur, ix-xhud qal li lit-tfal kellimhom darbtejn fil-preżenza tal-ġenituri. Ma daħħalx lil Francine fil-kamra tas-Surġenti biex ma jinqalax kunflitt ma' Domenic. Ikkonkluda li ma jiftakarx jekk x'ħin ħareġ fil-bitħa kienx diġà sar ir-rapport jew inkella jekk Francine kinitx weħidha.

Fis-seduta tal-għoxrin (20) ta' Ġunju 2018, l-imputata Francine Cini preżentat Dokument FC 1 rapport tal-psikologa Veronica Ellul. L-

imputata ddikjarat li m'għandhiex aktar provi xi tressaq f'dan il-każ u li kienet qed tagħlaq il-provi tagħha. Dan wara li hija irrinunzjat ghax-xhieda tal-Ispettur Edel Mary Camilleri. Saru s-sottomissjonijiet finali minn Dr. Andrew Sciortino u minn Francine Cini

**<u>KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI U FATTWALI</u>**

L-imputata Francine Cini qeghda tigi akkuzata bir-reati kontemplati taht l-artikolu 110 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. L-ewwel sub-inciz ta' dan l-artikolu jistabilixxi li:

> *"Kull min bil-qerq joħloq jew iġiegħel jidher li donnu hemm fatt jew ċirkostanza, sabiex dan il-fatt jew ċirkostanza jkunu jistgħu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna oħra, bil-ħsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tiġi kontra s-sewwa akkużata jew misjuba ħatja ta' reat, jeħel, meta jinsab ħati, bħala xhud falz, bil-mod kif jingħad fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu."*

It-tieni sub-inciz tal-istess artikolu 110 jkompli jghid li:

> *"Kull min jiddenunzja lill-Pulizija Eżekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq joħloq it-traċċi ta' reat b'mod li jistgħu jinbdew proċeduri kriminali sabiex jiżguraw li dak ir-reat kien sar, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux aktar minn sena."*

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs David Mizzi**[2] deciza mill-Onor. Imhallef Vincent DeGaetano spjegat fid-dettal u b'mod tajjeb hafna l-import tal-artikolu 110. B'riferenza ghas-sub-inciz (1) ta' dan l-artikolu l-Qorti tal-Appell Kriminali kienet irrimarkat li:

*"ir-reat ikkontemplat fis-sub-artikolu (1) tal-artikolu 110 tal-Kodici Kriminali hu dak tal-kalunja reali jew indiretta u jiddistingwi ruhu mill-kalunja verbali jew diretta ikkontemplata fl-artikolu 101 billi jirrikjedi li l-agent, ikun, b'qerq, materjalment holoq, jew materjalment gieghel li jidher li hemm bhala prova kontra persuna ohra. Kemm fil-kalunja diretta kif ukoll f'dik indiretta, l-element formali tar-reat jikkonsisti filli wiehed ikollu l-hsieb li jaghmel hsara lil persuna ohra, billi jaghmel mill-gustizzja strument ta' ingustizzja kontra dik il-persuna l-ohra. Fi kliem iehor ghar-reat ikkontemplat fl-artikolu 110(1) mhux bizzejjed is-semplici kliem, migjuba bil-fomm jew bil-miktub, li permezz taghhom wiehed dolozament jakkuza persuna quddiem awtorita` kompetenti b'fatti ammontanti ghal reat meta jkun jaf li dik il-persuna hi innocenti, izda hu mehtieg li jinholqu tracci jew indizji materjali bil-hsieb li dawn ikunu jistghu jintuzaw kontra dik il-persuna."*

B'rabta ma' dan is-sub-inciz il-Professur Mamo fin-noti tieghu jikkummenta:

[2] Deciza fis-16 ta' Frar 1998.

*"The constituent elements of this crime emerge clear from its definition. The material element consists in fabricating that is, as the law says, falsely causing any fact to exist or appear to exist which may be used as evidence of a criminal offence against an innocent person. The intentional element consists in the intent on the part of the agent to procure that the person be unjustly convicted of or charged with the offence . . . . Whereas, however, in the case of the calumnious accusation properly so called i.e the crime under Section 99 [now section 101] such crime is completed by the mere presentation of the information, report or complaint to the competent authority, in the case of this indirect form of calumnious accusation the crime cannot be said to be completed until the fact or circumstance of fact falsely caused to exist or to appear to exist as aforesaid, becomes known to the competent authority."*[3]

Din il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Luigi Duca** deciza fil-hamsa (5) ta' Ottubru 2018 irrimarkat wkoll li: *"mid-dicitura tal-ligi jidher illi dina il-forma ta' kalunja [cioe` ir-reat kontemplat taht l-artikolu 110(1)] trid twassal ghal kundanna tal-persuna li hija akkuzata ingustament b'reat abbazi ta' dawn il-provi foloz li ikunu gew fabbrikati."*[4]

Ghar-rigward it-tieni sub-inciz, il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza Il-**Pulizija vs David Mizzi** citata aktar 'il fuq spjegat li:

[3] Mamo. A., Notes on Criminal Law, Vol. II, pagna 58
[4] Pagna 22 tas-sentenza.

*"Kwantu ghar-reat ikkontemplat fis-sub-artikolu (2) tal-artikolu 110 – is-simulazzjoni ta' reat – dan, bhal fil-kaz tal-kalunja, jinqasam f'simulazzjoni verbali jew diretta u simulazzjoni reali jew indiretta. Is-simulazzjoni reali jew indiretta tavvera ruhha meta wiehed bil-qerq johloq tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar. Is-simulazzjoni verbali jew diretta tirrikjedi semplicimint li l-agent ikun iddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva reat li hu jkun jaf li ma sarx. Ghalhekk element kostituttiv ta' dan ir-reat huwa l-konsapevolezza tal-agent li r-reat li hu qed jiddenunzja fil-fatt ma sehhx."*

Il-Professur Mamo fin-noti tieghu jikkummenta li: *"The simulation of an offence is considered as a crime for the injury which it does to the administration of justice by misleading it; for the alarm which the news of an offence causes in the public; for the inconvenience and expense to which the officers of justice may be put; for the danger of suspicions and molestations to which law-abiding citizens may be exposed in the attempt to ascertain an imaginary fact . . . This crime differs from that of calumnious accusation in as much as in the simulation of offence there is no specific accusation against any determinate person and there is not, therefore, the intent to cause an innocent person to be unjustly convicted or charged . . . . The simulation – like calumny – may be either verbal or direct or real or indirect. The former must consist in a denunciation, that is in an information or report or complaint to the Executive Police: and the crime is completed by the presentation of such information report or complaint, so that the subsequent confession of the untruth would not avail*

*to exclude it . . . . Finally the denunciation must be made without specifying the supposed offender; otherwise this crime degenerates into that of calumnious accusation."*[5]

B'referenza ghall-ewwel imputazzjoni u cioe` dik kontemplata taht l-artikolu 110(1) tal-Kap. 9 ghandu jinghad minghajr tlaqlieq li mill-provi prodotti fl-ebda hin ma rrizulta li l-imputata holqot xi tracci jew indizji materjali ta' reat li setghu jintuzaw kontra Angelica Borst. Infatti fil-kaz in dizamina, il-Prosekuzzjoni u l-parte civile ma gabu l-ebda prova li l-imputata kienet holqot xi tracci materjali li jindikaw imqar b'mod remot li l-parte civile Angelica Borst kienet sawtet lil wahda minn uliedha. Anzi tracci materjali ma kien hemm assolutament xejn. Infatti hekk kif jirrizulta mic-certifikat mediku prezentat, OMISSIS **ma kellha l-ebda forma ta' griehi jew inkella xi sinjali ohra li setghu b'xi mod jissuggerixxu li ntuzaw vjolenza fil-konfront taghha**.[6] Ghalhekk zgur li ma tistax tinstab htija fl-imputata rigward din l-ewwel imputazzjoni u din ghandha tigi liberata minnha.

Ghal dak li ghandu x'jaqsam mat-tieni imputazzjoni u cioe` dik kontemplata taht l-artikolu 110(2), dik il-parti tal-imputazzjoni li tirreferi ghal simulazzjoni reali jew indiretta ma tirrizultax peress li kif gia` nghad minn imkien ma rrizulta li l-imputata kienet qed tipprova tohloq xi tracci ta' reat jew inkella li kienet qed tipprova tohloq b'mod qarrieqi xi provi foloz. Madanakollu l-provi prodotti

[5] Mamo A., ibid, pagni 59 u 60.

[6] Certifikat mediku anness bhala Dokument B prezentat fis-seduta tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Settembru 2017.

jissuggerixxu li f'dan il-kaz kien hemm simulazzjoni verbali da parti tal-imputata, liema simulazzjoni verbali tirrikjedi biss li l-imputata tkun taf li r-reat li hija tkun irrapportat fil-verita` ma jkunx sehh.

Din il-konkluzjoni li wasal ghaliha l-espert legali u qeghda taghmel taghha l-Qorti hija msejsa fuq is-segwenti kunsiderazzjonijiet:

(a) Kemm is-Surgent PS 698 Shaun Tabone u anke WPC 194 Anna Maria Mejlak spjegaw li dakinhar tat-tmienja (8) ta' Mejju 2017 Francine Cini ghamlet rapport l-Ghassa tal-Pulizija fis-sens li t-tfajla tal-eks-partner taghha kienet qeghda ssawwat lit-tfal taghha. It-tnejn enfasizzaw li l-imputata kienet qaltilhom li dan il-fatt kienet ghadha kemm qaltulha bintha stess OMISSIS. Ta' rilevanza huwa dak li jistqarr PS 698 Shaun Tabone fl-affidavit tieghu markat bhala Dokument BCS 1, fejn jispjega fid-dettal l-avvenimenti li sehhew quddiemu dakinhar: ***"Irrizulta li dak kollu li allegat Francine Cini kien sar fil-konfront ta' bintha z-zghira, OMISSIS ta' 4 snin. Ezatt dak il-hin, Francine Cini, bdiet iggieghel u theggeg lil bintha l-kbira OMISSIS ta' 7 snin tirrakkonta dak kollu li sehh quddiem ghajnejha."*** (Enfazi tal-Qorti) Jirrizulta ghalhekk li l-imputata kienet qed theggeg hija stess lil bintha biex tirrakkonta lill-Pulizija x'allegament kien sehh. Ma kienx il-kaz fejn it-tifla volontarjament u innocentement bdiet tirrakkonta x'gara; kien hemm il-"pressjoni" ta' ommha. Dan kollu jindika li l-imputata seta' kellha involviment dirett f'dak li kienet qeghda tghid bintha;

(b) In segwitu ghar-rapport li sar mill-imputata, PS 698 Shaun Tabone u WPC 194 Anna Maria Mejlak baghtu ghal Domenic Zammit u Angelica Borst li immedjatament marru l-Ghassa. Meta Domenic Zammit kellem lil bintu OMISSIS quddiem l-istess PS 698 Shaun Tabone u WPC 194 Anna Maria Mejlak u staqsieha jekk Angelica kinitx sawtet lilha jew lil OMISSIS, OMISSIS mill-ewwel cahdet li Angelica Borst kienet refghet idha fuq OMISSIS. Kompliet tghid li kienet ommha (l-imputata odjerna) li qaltilha biex tghid hekk. Dan id-diskors it-tifla ghal darba irrepetietu darbtejn. Ta' min jissenjala li Angelica Borst dak il-hin ma kinitx prezenti fil-kamra fejn kienet qieghda OMISSIS u ghalhekk ghandu jigi eskluz li t-tifla biddlet il-verzjoni ghax bezghet minn Angelica. Lanqas ma kien il-kaz li t-tifla setghet bezghet minn missierha u biddlet il-verzjoni ghaliex kif sewwasew jispjega s-Surgent Tabone hekk kif it-tifla harget barra mill-kamra OMISSIS iffaccjat lil ommha u qaltilha fil-presenza tas-Surgent *"Inti qeghtli [ghidtli] biex nghid hekk x'hin il-Pulizija resqu 'l hemm."* Huwa minnu li OMISSIS ma gietx imressqa bhala xhud; pero` s-Surgent Tabone u WPC Mejlak xehdu u spjegaw dak kollu li sehh quddiem ghajnejhom; dawn iz-zewg ufficjali tal-Pulizija fl-affidavits taghhom ma kinux sempliciment qeghdin jghidu dak li irreferew lilhom il-partijiet izda kienu qeghdin jixhdu fuq fatti li sehhew quddiem ghajnejhom;

(c) *A tempo vergine* ma jirrizultax li hekk kif l-imputata giet rinfaccjata b'din il-verzjoni differenti ta' bintha, hija cahdet dak allegat minn bintha quddiem is-Surgent. Jekk dak li kienet qed

tghid bintha ma kienx minnu, ir-reazzjoni instantanja tal-imputata kellha tkun li tichad il-verzjoni ta' bintha. Dan pero` ma sehhx;

(d) L-imputata minn jeddha ghazlet li taghti l-verzjoni taghha tal-affarijiet. Mix-xhieda taghha pero` johorgu diversi punti li jitfghu fid-dubju l-kredibilita` ta' tali verzjoni. Cini tistqarr li giet infurmata bil-verzjoni differenti ta' bintha OMISSIS (u cioe` li kienet l-imputata stess li qaltilha biex tghid li Angelica sawtet lil OMISSIS) meta marret lura l-Ghassa bic-certifikat mediku. Dan meta skont ix-xhieda tal-istess Surgent Tabone kif korraborata mix-xhieda ta' WPC Mejlak, is-Surgent Tabone nforma lill-imputata b'din il-verzjoni ta' bintha immedjatament hekk kif hareg mill-kamra fejn Domenic Zammit kellem lil bintu fil-presenza tal-Pulzija;

(e) L-imputata tichad li hija kienet qalet lil bintha OMISSIS biex tghid li Angelica refghet idejha fuq OMISSIS. Pero` imbaghad meta mistoqsija jekk ghamlitx verifiki jekk it-tfal kinux qeghdin jghidu l-verita`, tisqarr li dak ma kienx xogholha biex taghmel il-verifiki izda xoghol il-Pulizija. Tistqarr li gieli kien hemm okkazzjonijiet fejn uliedha qalu xi gidba zghira pero` f'dan il-kaz hija emmnithom;

(f) L-imputata ssostni li hija kienet il-hin kollu fejn il-counter tal-Pulizija u li l-hin kollu kien hemm prezenti fejnha WPC Anna Maria Mejlak. Ghalhekk skont hi ma setghet qatt tghid lil bintha xi tghid u ma tghidx. L-imputata tassumi li Mejlak semghet il-konversazzjoni kollha ta' bejnha u bintha. Tul dawn il-proceduri pero` l-imputata ma ressqet l-ebda prova ta' dan. Lanqas biss ma assoggettat lill-

istess WPC Mejlak ghall-kontro-ezami biex iggib konferma li hija waqt li kienet l-Ghassa kienet il-hin kollu fejn Mejlak;

(g) Fid-deposizzjoni taghha quddiem il-perit legali precizament waqt il-kontro-ezami taghha, l-imputata tistqarr li t-tfal ma kinux qalulha kif kien sehh dan l-incident li dwaru hija kienet ghamlet ir-rapport. Dan meta f'partijiet differenti tad-deposizzjoni hija taghti dettalji dwar dak li skont hi kienu qalulha t-tfal: l-imputata taghti dettalji fejn it-tfal kienu fil-mument li sehh il-kaz, fejn kien missierhom, u ghal-liema raguni Angelica allegatament kienet sawtet lil OMISSIS. It-tfal jew qalulha kif sehh l-incident jew ma qalulhiex! In oltre, fl-istess deposizzjoni l-imputata tistqarr li ma tiftakarx liema naha bintha kienet qaltilha li laqtet daqqa; pero` imbaghad ftit aktar 'il quddiem fl-istess deposizzjoni tghid li hija nnutat li bintha kellha naha minnhom ta' wiccha ahmar. Dan kollu bid-dovut rispett ma jsegwix. Dan apparti l-fatt li kif gia` nghad mill-ezami mediku li sar dakinhar stess ftit tal-hin wara li kien sehh l-incident ma nstabet l-ebda tracca jew marka ta' xi vjolenza fuq il-persuna ta' OMISSIS. Dan kollu jikkuntrasta mal-verzjoni moghtija minn Angelica Borst, liema verzjoni kienet wahda <u>**konsistenti u uniformi**</u> u dan kemm fil-verzjoni li hija tat *a tempo vergine* lis-Surgent li kien qed jinvestiga l-kaz u kemm fil-verzjoni li hija tat quddiem il-Perit Legali;

(h) L-imputata pprezentat rapport xjentifiku ta' Dottoressa Veronica Ellul Federici, esperta tal-Qorti nominata fil-kors ta' proceduri civili bejn l-istess imputata u Domenic Zammit. Dan ir-

rapport pero` bl-ebda mod ma jiggustifika l-verzjoni tal-imputata jew inkella jitfa' xi dawl fuq dak li sehh fit-tmienja (8) ta' Mejju 2017. Jghin biss biex jikkonferma li tfal ta' eta` tenera (bhal ma huma t-tfal tal-imputata) *"are more vulnerable to suggestion than are older ones. Suggestions tend to be accepted when children feel intimidated by the interviewer, when the interviewer's suggestions are strongly stated and frequently repeated, and when more than one interviewer makes the same suggetion (Wenar & Kerig, 2000). When children are struggling because of divided loyalties towards their parents especially in situations of high conflict separation they are very more often more prone to suggestive questions and thus risk accusing a non-abusing parent to please the other parent."*[7] L-imputata ghalhekk aktar kienet obbligata li hija tivverifika sew l-affarijiet qabel ma taqbad u tintavola rapport mal-Pulizija fuq il-kaz tal-allegat swat;

Mis-suespost ghalhekk johrog car li fil-mument li l-imputata intavolat ir-rapport li Angelica Borst kienet refghet idejha fuq it-tifla taghha OMISSIS, hija kienet taf li fil-verita` tali reat ma kienx sehh. Dan kollu jinkwadra perfettament fir-reat tas-simulazzjoni verbali jew diretta kontemplat mill-artikolu 110(2) tal-Kap. 9 u ghalhekk hemm lok li tinstab htija taht dan it-tieni sub-inciz tal-artkolu 110.

Il-fattispecie ta' dan il-kaz jinkwadraw ruhhom ukoll taht l-artikolu 101 tal-Kap. 9 peress li fir-rapport taghha Francine Cini identifikat lil Angelica Borst bhala l-persuna li allegatament kienet wettqet ir-reat.

---

[7] Ara pagna 39 tar-rapport prezentat fis-seduta tal-20 ta' Gunju 2018 u markat bhala **Dokument FC 1**.

Pero` ma tista tinstab l-ebda htija taht dan l-artikolu in vista li m'hemm l-ebda imputazzjoni f'dan is-sens.

Il-partijiet inghataw cans jipprezentaw Nota ta' Sottomissjonijiet. Il-Prosekuzzjoni u l-parte civile ghazlu li ma jaghmlux sottomissjonijiet bil-kitba dwar ir-rapport tal-espert legali. Id-difiza ghamlet is-sottomissjonijiet bil-kitba nhar it-12 ta' Ottubru 2018 (a fol. 100 et seq.).

## KONKLUŻJONIJIET

Ghaldaqstant fid-dawl tal-provi u tal-konstatazzjonijiet hawn maghmula, il-Qorti qeghda, tillibera lill-imputata Francine Cini mill-ewwel imputazzjoni [dik kontemplata taht l-artikolu 110(1) tal-Kap. 9] u cioe li hija bil-qerq holqot jew geghlet jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna jew persuni ohra bil-hsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat. **Dan ghaliex tali imputazzjoni ma tirrizultax**;

L-imputata **Francine Cini qeghda tinstab hatja tat-tieni imputazzjoni** u cioe` li iddenunzjajt lill-Pulizija Ezekuttiva reat li hi kienet taf li ma sarx u dan bi ksur tal-artikolu 110(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghalkemm mill-atti jirrizulta li dan ir-reat sehh waqt perjodu operattiv ta' ordni ta' *probation*[8], m'hemm l-ebda imputazzjoni fejn l-imputata qeghda tigi akkuzata li hija wettqet reat iehor fil-perjodu operattiv ta' ordni ta' *probation* moghtija.

**KUNSIDERAZZJONIJIET OHRA DWAR IL-PIENA**

Illi in linea generali jibda biex jinghad li:

> *l-piena m'ghandiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*[9]

[8] Ara sentenza Il-**Pulizija vs Francine Cini** deciza fit-28 ta' Gunju 2016 esebita bhala Dokument A fis-seduta tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Settembru 2017.
[9] Ref Ir-**Republika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef**: Appell Kriminali deciz 28.11.2006.

Illi c-cirkostanzi ta' kull kaz huma partikolari ghal dak il-kaz u normalment ivarjaw radikalment mic-cirkostanzi ta' kull kaz iehor. Huwa impossibbli ghal-legislatur li jipprevedi dawn ic-cirkostanzi kollha u, a priori, jistabbilixxi (ghal kull reat) piena specifika ghal kull sensiela ta' cirkostanzi differenti li fihom jista' jitwettaq dak l-istess reat.

Illi huwa proprju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skont ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn id-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu.

Illi dwar il-varji modi kif il-Qorti tista' titratta ma' persuna misjuba hatja ta' xi reat u x'evalwazzjoni ghandha ssir biex jigi stabbilit liema minn dawn il-modi jservi l-aktar lill-gustizzja, kellha l-opportunita' tippronunzja ruhha l-Qorti tal-Appell Kriminali. Fis-sentenza moghtija fil-kawza Il-**Pulizija vs Maurice Agius**[10] dik il-Qorti qalet hekk:

> *Huwa car...., li l-ewwel haga li qorti trid tiddecidi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b'mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mill-ligi stess) mizuri bhal ordinijiet maghmula taht l-Att dwar il-Probation jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, li l-kaz kien jimmerita prigunerija, il-gudikant irid jghaddi ghat-tieni stadju, u cioe` biex jiddetermina t-tul ta'*

[10] Deciza fit-13 ta' Novembru 2009.

*tali prigunerija. Hawn ukoll il-gudikant ma jridx joqghod ihares lejn is-subartikolu (1) tal-Artikolu 28A u jipprova jara kif ibaxxi l-piena biex igibha ma teccedix is-sentejn. Il-piena ta' prigunerija trid tkun dik il-piena li oggettivament taghmel ghall-kaz, indipendentement minn jekk tkunx tista' tigi sospiza o meno. Huwa biss jekk il-piena hekk oggettivament stabbilita ma tkunx ta' aktar minn sentejn prigunerija li l-gudikant jghaddi ghat-tielet stadju, u cioe` biex jikkonsidra jekk ghandux jissospendi o meno tali piena (ghal periodu ta' mhux anqas minn sena u mhux izjed minn erba' snin). Huwa evidenti li l-ewwel haga li trid issir f'dana t-tielet istadju hi li wiehed jara jekk hemmx xi ostakolu statutorju ghal tali sospensjoni ....; jekk ma hemmx tali ostakoli, allura, u allura biss, tqum il-kwistjoni ta' jekk il-piena ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza u, jekk jkun jidhrilha li l-kaz ikun wiehed li fih sentenza ta' prigunerija ghandha tigi sospiza, x'ghandu jkun il-periodu operattiv taghha (cioe` ghal kemm zmien tibqa' hekk sospiza fuq ras il-hati).*

**<u>Ghin ruhek biex Alla jghinek</u>**

Fil-fehma tal-Qorti fic-cirkostanzi tal-kaz, ladarba l-imputata stess ma kinetx hadet l-opportunita' mogħtija lilha, l-imputata trid tifhem li trid tgħin ruħha biex Alla jgħinha.

L-imputata ma tistax tippretendi li l-Qorti **<u>tkompli</u>** tagħlaq għajnejha għal dan il-fatt. Ghal kollox hemm il-limitu u issa din il-Qorti **<u>se tghid daqshekk</u>**. L-imputata jekk trid l-għajnuna trid tkun

hija l-ewwel li xxammar il-kmiem u mhux tara kif tohloq kaz wara l-iehor fejn barra li qeghda ttellef il-hidma tal-Korp tal-Pulizija bir-rapporti li taghmel, qeghda ttellef granet ta' xoghol lil min ikun involut u qeghda zzid ix-xoghol lil din il-Qorti b'dawn il-kazijiet li jinbdew b'pika. L-għajnuna ta' ħaddieħor mingħajr impenn serju taghha ma wasslu mkien.

Illi in rigward tal-piena l-Qorti kkunsidrat in-natura repetittiva tar-reati mwettqa mill-imputata, in-nuqqas taghha li tottempera ruhha mal-ligi u tal-karattru refrattiv taghha.

Is-socjeta` jixirqilha protezzjoni minn persuni bhall-imputata li tahseb li tista' tibqa tghaddi biz-zmien lis-socjeta' nkluz il-Qrati. Ma jistax ikun li jkollna min jidhol l-Ghassa tal-Pulizija u jaghmel rapporti foloz jew fuq dak li tghidlu l-immaginazzjoni fertili taghha.

Il-Qorti ma tistax tibqa' cassa quddiem min l-opportunitajiet li tinghata tinjorahom.

Il-Qorti tfakkar lill-imputata dak li kien qalilha l-Prim Imhallef Silvio Camilleri meta qaleb piena ta' prigunerija effettiva fil-konfront tal-imputata li tat din il-Qorti fid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet il-**Pulizija vs Francine Cini** deciza fl-14 ta' Ottubru 2016 meta dakinhar kienet allegat b'mod falz li l-ex sieheb taghha kien jiehu l-kokaina:

*Il-Qorti tosserva li l-fedina penali tal-imputata għar-rigward tal-perjodu anteċedenti d-data tar-reat odjern, għalkemm mhux netta, ma hix partikolarment oneruża.* ***Fl-istess ħin din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti li l-fatt li tiegħu l-imputata appellanti qiegħda tinstab ħatja huwa ta' ċertu gravità tenut kont tal-fatt li l-allegazzjoni li għamlet fil-konfront ta' Domenic Zammit tattribwilu l-kommissjoni ta' reat kriminali.*** *B' danakollu, in vista tal-fatt li l-appellanti għandha taħt il-kura tagħha żewġt itfal minuri ta' eta' żgħira din il-Qorti hi tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ għandha timmitiga l-piena imposta mill-ewwel Qorti. Il-miżura li forsi kienet tkun dik l-aktar indikata fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ kienet tkun is-sospensjoni tal-piena ta' detenzjoni imposta mill-ewwel Qorti iżda, billi l-liġi fl-artikolu 28A(1) tikkontempla biss is-sospensjoni ta' sentenzi ta' priġunerija, din il-Qorti hi prekluża milli taddotta tali miżura ta' sospensjoni. Għalhekk, peress li l-Qorti tibqa' tal-fehma li, għar-raġunijiet imsemmija, għandha timmitiga l-piena imposta mill-ewwel Qorti, sejra tissostitwixxi l-piena ta' detenzjoni imposta mill-ewwel Qorti b'piena ta' natura pekunjarja li tkun qrib il-massimu previst mil-liġi.* **(Enfasi ta' din il-Qorti).**

Il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fic-cirkostanzi fil-konfront tal-imputata hi **piena karcerarja effettiva**.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti mhux issib lill-imputata hatja tal-ewwel imputazzjoni u minnha tilliberaha, u wara li rat artikolu 110(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputata hatja u tikkundanna ghal tmien xhur prigunerija effettiva.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qeghda tikkundanna lill-hatja ghall-hlas tal-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu man-nomina tal-esperti fil-mori tal-kawza, liema spejjez b'kollox jammontaw ghas-somma ta' tliet mija tnejn u disghin Euro u disghin centezmu (**€392.90**)[11] u ghandhom jithallsu mill-hatja fi zmien xahar mil-lum.

Fl-ahharnett il-Qorti tordna divjet fuq l-ismijiet kollha tat-tfal imsemmija f'din id-decizjoni minn kull mezz ta' xandir u pubblikazzjoni.

______________________

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**

[11] Rapport minn Dr. Jean Paul Grech (*a* fol. 16 *et seq)*